MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 258/2007

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Michael Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-13 ta` Marzu, 2007 fejn intalab li l-konvenut kellu jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` mija u disgha u disghin lira u sebgha u hamsin centezmu (Lm199.57), rapprezentanti ammont li kien dovut in konnessjoni ma` servizzi tat-telefon bin-numri 21897012 u 21695925 skond ma` kif jirrizulta mid-dokumenti ezebiti u mmarkati bhal Dok. A, Dok. B, Dok. C u Dok. D.

Sema` x-xhieda ta` Dr. Keith Grech li kkonferma li l-ammont mitlub f`dina l-kawza kien ghadu dovut sal-gurnata ta` llum.

Innota li l-konvenut ghalkemm imsejjah tlett darbiet baqa` ma deherx sabiex jikkontesta t-talba attrici.

Ezamina d-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallasha is-somma mitluba ta` mija u disgha u disghin lira u sebgha u hamsin centezmu (Lm199.57), bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------